MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 1/2008/3

**Mario Attard**

**v.**

**Susanne (Susan) Portanier**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li l-attur ipprezenta fl-4 ta’ Jannar 2008, li jaqra hekk:

“1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-sebgha u ghoxrin ta’ Gunju, tas-sena elf, disa’ mija, tnejn u disghin (1992)

f'Malta u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, Valletta, Malta kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok A;

“2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied ghalkemm ir-rikorrenti ghandu zewg ulied, ahwa Attard u maggorenni minn zwieg tieghu precedenti ma' Josianne Attard li minnha kien romol;

“3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dottor Tonio Cauchi fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004);

“4. Illi l-kunsens tal-Intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-intimata li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

“5. Illi l-kunsens tal-intimata kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

“6. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tas-sena 1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

“7. Tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli m'ghandhiex:-

“(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, tas-sena elf, disa' mija, tnejn u disghin (1992) f'Malta hawn fuq imsemmi, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti kkollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

“(2) Tordna li n-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

“Bl-ispejjez, kontra l-intimata li tibqa’ ingunta minn issa in subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet:

“1. Illi t-talba tal-attur sabiex jigi ddikjarat null u invalidu z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ccelebrat fis-27 ta’ Gunju, 1992 ghandha tigi michuda kompletament bi spejjez kontra tieghu, billi l-kunsens tal-konvenuta kien integru, shih u genwin;

“2. Illi kien biss wara z-zwieg li nqalghu problemi bejniethom, liema problemi filwaqt li rrendew il-hajja flimkien mhux aktar possibbli tant li isseparaw fil-15 ta’ Ottubru, 2004 permezz ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Tonio Cauchi, ma kellhom ebda rabta ma’ jew relevanza ghall-kunsens moghti mill-konvenuta;

“3. Illi m’huwiex minnu li l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha (Artikolu 19.(1)d tal-Kap. 255), ghaliex filwaqt tal-kunsenss u anke qabel u wara, il-konvenuta:

- “kellha konoxxenza shiha u in konkret tan-natura, ghanijiet u drittijiet u obbligi taz-zwieg u cioe` l-obbligu tal-att konjugali, tal-komunjoni ta’ hajja b’mod permanenti, irrevokabbli u esklussiv, u li tircievi u trabbi t-tfal;
- “evalwat u apprezzat sew xi jfissru dawn l-obbligi specifici u x’jimporta z-zwieg bl-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi tieghu;
- “u kellha r-rieda taghha ghaz-zwieg kompletament hielsa u integra, motivata mill-maturita` affettiva kompleta li kellha lejn il-kontro-parti;

“4. Illi m’huwiex minnu li l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Artikolu 19.(1)d), ghaliex kif jaf l-attur filwaqt li ghall-bosta snin qabel iz-zwieg u anke wara

kienet aflitta minn kundizzjoni mentali, hija regolarment hadet il-kura necessarja bi progress sinifikanti kontinwu, liema kundizzjoni ma affettwatilhiex il-fakolta` intellettiva u volitiva ghaz-zwieg li kienet diehla ghalih u kien ferm possibbli ghaliha li tassumi u taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ghamlet fil-fatt wara li zzewwget;

“5. Illi m’huwiex minnu li l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg (Artikolu 19(1)f), ghaliex iz-zwieg kien wiehed genwin u ma kien hemm ebda simulazzjoni la totali u lanqas parzjali, billi l-konvenuta dahlet ghalih motivata biss mill-affett lejn l-attur u bl-iskop li twettaq l-obbligazzjonijiet essenzjali kollha taz-zwieg inkluz l-att taz-zwieg;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fid-19 ta’ Ottubru, 2010, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Gunju 1992, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikoli tal-ligi fuq citati.

“Min-naha taghha l-konvenuta qeda topponi ghal din it-talba, u qeda tichad li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat kif sostnut mill-attur.

“**Il-Fatti**

“Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, armel b’ zewgt-itfal, izzewweg lill-konvenuta fis-27 ta’ Gunju 1992, meta allura hu kellu 42 sena u l-konvenuta kellha 30 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sentejn, li

matulhom il-partijiet ghexu flimkien bhala mara u ragel, ghal circa sena qabel iz-zwieg.

“Peress li f’dak iz-zmien il-konvenuta kienet diga’ ssofri minn kondizzjoni medika, skizofrenija, huma kienu kkonsultaw lill-konsulent psikjatra Dottor Peter Muscat dwar il-pass li kienu ser jiehdu, izda dan ikkonferma li l-kondizzjoni tal-konvenuta ma kellhiex tkun ta’ ostakolu ghaz-zwieg. Ghalhekk il-partijiet komplew bil-pjan taghhom li jizzewwgu.

“Illi jidher li ghall-ewwel hames [5] circa, iz-zwieg kien wiehed normali, izda eventwalment beda jinqala’ l-inkwiet serju minhabba li r-relazzjoni tal-konvenuta mat-tfal ta’ l-attur, li allura bdew jikbru, bdiet tiddeterjora, bil-konsegwenza li dawn kienu jargumentaw ta’ spiss, u jispicca nvolut ukoll l-attur. Dan l-inkwiet ma’ ulied l-attur, li kien jizvolgi f’ inkwiet matrimonjali bejn il-konvenuta u l-istess attur, kien eskala sal-punt li, wara circa seba’ [7] mid-data taz-zwieg, ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-partijiet waqqfu ghal kollox.

“Fis-sena 2000 is-sitwazzjoni matrimonjali tant iddeterjorat li l-konvenuta, li kienet waqfet tiehu l-kura ghall-kondizzjoni li kellha, spiccat rikoverata l-Isptar Monte Carmeli, ghal xi zmien. Fil-15 ta’ Ottubru 2004 il-partijiet isseparaw bonarjament.

“*Il-Kundizzjoni Medika*

“Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet tbati minn skizofrenija, u kienet ilha taht il-kura tal-konsulent psikjatra Dottor Peter Muscat mis-sena 1986, u sas-sena 2001 huwa kien baqa’ jara lill-konvenuta, u jaghtiha l-kura regolament. Dan xehed fit-tul u b’ mod specifiku dwar il-kondizzjoni medika tal-konvenuta.

“Ix-xhud[1] jghid li l-konvenuta, sa mill-adoloxenza, kienet tbati minn paranojja li pero’ ma kienitx wahda gravi, u

---
[1] Fols.119

kienet kontrollabbli bit-tehid tal-pilloli, jew ta' injection mensili.

"Jikkonferma li qabel izzewwgu, il-partijiet flimkien kienu marru ghandu; u jiddeskrivi l-istat taghha f' dak iz-zmien hekk: "Iva, [ghad-domanda jekk kienitx tapprezza ghalxiex diehla ghal hajja mizzewwga], kienet stabbli, kienet ferhana, u ltaqghet ma' dan il-persuna [l-attur], kienu jidhru li jaqblu hafna flimkien …… ma kien hemmm ebda ndikazzjoni li ma kienitx qeda tifhem ghalxiex kienet diehla, jigifieri l-istat mentali taghha. L-obbligi taz-zwieg kienet taf x' inhuma wkoll, filwaqt li zewgha, dak iz-zmien l-gharus taghha, kien jaf ukoll ghalxiex inhu diehel ghax jiena spjegajtulu li din hija kondizzjoni kronika illi ghaliha ghandha bzonn il-kura fit-tul." Ikompli jghid: "fil-mument ta' zwieg jiena perswaz li hi kienet taf ghalxiex inhi diehla, kienet kompost menti sewwa."[2]

"Illi dwar jekk il-konvenuta, bil-kondizzjoni mentali li kellha, setghetx ikollha hajja matrimonjali normali, ix-xhud jirrispondi li "jekk ma jkunx hemm dawk li nsejjhulhom external negative cirumstancial factors, jgifieri jekk m' hemmx stresses, generalment, iva." Di fatti jkompli jspjega li "hawn hafna b' din il-kondizzjoni li jghixu hajja regoalri u jiehdu l-kura, u lanqas tinduna … jigifieri jkollhom l-impieg, qeghdin mal-familja jrabbu t-tfal, forsi jinqalghu xi problemi l'hawn u l'hemm, pero' l-hajja tista' tkompli normali diment li ma jkunx hemm xi stresses qawwija."[3]

"*Verzjoni Attur*

"L-attur jghid li qabel iz-zwieg huma kienu jikkonvivu flimkien, u li, ghalkemm kien jaf bil-kondizzjoni li tbati minnha l-konvenuta, huwa ma kienx jaf l-estent ta' din il-kondizzjoni. Jsostni li matul il-konvivenza, meta l-konvenuta kienet twaqqaf il-kura, hija kienet tkun innervjata u rrabbjata, aggressiva u kienet tinfexx fix-xorb.

[2] Fols.127 - 128
[3] Fol.128

"Jghid li fil-bidu ma kienx hemm problemi kbar u z-zwieg ma kienx hazin, izda eventwalment, wara circa tlett [3] snin il-partijiet bdew jirriskontra problemi matrimonjali naxxenti mir-relazzjoni hazina li bdiet tizviluppa bejn il-konvenuta u t-tfal tieghu li f' dak iz-zmien kien dahlu sewwa fl-adolexxenza. Jghid li kienu ta' spiss jargumentaw, u jsostni li l-konvenuta qatt ma kienet verament accettat lit-tfal tieghu. Huwa jiddeskrivi r-relazzjoni mat-tfal bhala "hazina hafna" u l-konvenuta kienet tghidlu li "they are not wanted."[4] Dan kien gab mieghu hafna argumenti fiz-zwieg, bir-rizultat li eventwalment il-partijiet birdu fil-konfront ta' xulxin, u r-relazzjoni taghhom aggravat u pprecipitat fis-separazzjoni.

"Jikkonferma li llum jghix ir-Russja ma' mara Ciniza.

"*Verzjoni Konvenuta*

"Illi l-konvenuta, filwaqt li tichad dak attribwit lilha minn zewgha, tikkonferma li l-inkwiet principali fid-dar matrimonjali, kien dovut ghall-komportament ta' ulied l-attur fil-konfront taghha, li kien il-kawza ta' l-argumenti li kienu jinholqu, u li kienu jwasslu sabiex il-partijiet jispiccaw jargumentaw bejniethom.

"Tghid li hi xogholha kienet taghmlu fid-dar, izda ma kienx hemm ko-operazzjoni, la minn naha ta' l-attur u wisq anqas minn naha ta' uliedu; u, ghalkemm inizjalment hija kienet kuntenta bil-hajja taghha fid-dar, eventwalment beda jhossha li kienet qeda tigi meqjusa bhala seftura.

"Tghid li, ghalkemm fil-bidu taz-zwieg hija kienet qalet lill-attur li kienet lesta li taddotta lil uliedu, dawn lilha kienu haduha "fuq demm id-dars."[5] u qatt ma accettawha. Tikkonferma pero' li s-sitwazzjoni fid-dar bdiet tiehu xejra nkwetanti wara konvivenza ta' circa sitt [6] snin.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[4] Fol.55
[5] Fol.159

“Illi in tema legali hija opportuna l-osservazzjoni li kull zwieg ghandu, bhala kuntratt civili, jigi prezunt validu sakemm ma jigix sodisfacentement provat il-kuntrarju. Inoltre, minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova tal-fatt minnu allegat.

“Fil-kaz in dizamina l-attur qed jibbaza l-kaz tieghu fuq zewg pilastri legali: il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] u, alternattivament, dak kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat.

“Illi ma hemmx dubju li mill-atti jidher li l-kawzali li fuqha qed jibbaza t-talba tieghu hija dik bazata fuq il-paragrafu [d]. Fin-nota tieghu huwa jsostni li, gjaladarba jirrizulta pacifiku li l-konvenuta tbati minn skizofrenija, allura, fid-dawl tal-fatti allegati minnu, l-konvenuta kienet inkapaci li tirrelata ma’ l-attur u ma’ uliedu, u li kienet inkapaci li tassumi l-obbligi tal-hajja matrimonjali.

“Il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess mill-attur; fl-ewwel lok, ghax l-inkwiet matrimonjali ma kienx dovut ghal xi nuqqas serju da parti tal-konvenuta, izda kien dovut, principalment, ghan-nuqqas da parti ta’ uliedu li jirrelataw maghha u jaccettaw postha fid-dar. Di fatti, l-ewwel snin taz-zwieg kienu normali, u kien biss meta ulied l-attur bdew jikbru aktar fiz-zmien li r-relazzjoni taghhom mal-konvenuta hzienet. Dan kien il-bazi ta’ l-inkwiet kollu matrimonjali bejn il-partijiet, u mhux ghax il-konvenuta ma kienitx fehemet l-obbligi tal-hajja matrimonjali, jew li kienet inkapaci li tassumihom.

“Di fatti l-konsulent psikjatra Dottor Peter Muscat, persuna rinomata hafna fil-kamp tal-psikjatrija f’ Malta, u li kien ilu jsegwi lill-konvenuta mis-sena 1986, u dam isegwiha sas-sena 2001, jghid espressament li, l-livell tal-kondizzjoni mentali li kellha l-konvenuta, ma kienx impediha milli tapprezza l-import tal-hajja matrimonjali, u jghid: “jiena perswaz li hi kienet taf ghalxiex inhi diehla, kienet compost menti sewwa.”[6] Jghid ukoll li l-kondizzjoni tal-konvenuta kienet kontrollabbli, u kien biss meta fis-sena

[6] Fol.128

1994[7] waqfilha l-kura ghal tlett xhur li l-kondizzjoni taghha ddeterjorat, sakemm regghet bdiet tiehu l-kura.

"Dan ix-xhud ikkonkluda d-depozizzjoni tieghu, jghid li, sakemm persuna li tbati mill-kondizzjoni mentali tal-livell tal-konvenuta tibqa' tiehu l-kura, allura din tkun tista' tghix hajja matrimonjali normali, sakemm ma jkunx hemm cikostanzi ta' stress qawwija hafna li jista' jikkaguna relapse.

"Fil-kaz in dezamina, il-Qorti thoss opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

"[1] Illi l-fatti allegati mill-attur, u sostnuti minn uliedu, fil-konfront tal-konvenuta, gew michuda minnha; inoltre, jidher li certu ncidenti ndikati minnhom sehhew lejn l-ahhar tal-konvivenza, u cioe' fis-snin 2001, u 2003, filwaqt li rigward il-kumplament tal-incidenti ma giex indikat time-frame. Jirrizulta pero' li ghall-ewwel erba' snin circa, il-konvivenza kienet wahda normali.

"[2] Illi mix-xhieda ta' l-imsemmi konsulent psikjatra, l-attur kien jaf bil-kondizzjoni mentali tal-konvenuta, u kien anke konxju ta' l-estent taghha kif spjegalhom l-istess konsulent. Ghalhekk l-attur mhuwiex veritier meta fix-xhieda tieghu jghid li "ma kontx naf l-entita' taghha x' inhi, ma kontx naf il-gravita' taghha."[8]

"[3] Illi, f' dan il-kaz il-provi juri li, ghalkemm il-konvenuta kellha din il-kondizzjoni medika, li kien jaf biha l-attur qabel iz-zwieg, hija xorta wahda kienet taf x' inhuma d-drittijiet u l-obbligi taz-zwieg, u wkoll li l-istess kondizzjoni ma kienitx ta' impediment li rrendiha nkapaci li tassumi l-obbligi matrimonjali. Fi kliem iehor ma jirrizultax provat li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, din kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew li kienet tbati minn xi anomalija psikologika li rrendita fl-<u>impossibilita'</u> li taqdi l-obbligazzjonijet matrimonjali taghha. Dan jassumi aktar

[7] Fol.122
[8] Fol.50 – vide xhieda Peter Muscat fol.127

qawwa meta jigi konsidrat li l-fonti ta’ l-inkwiet matrimonjali, ma kienitx ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet, izda kienet in-nuqqas ta’ komprensjoni reciproka bejn il-konvenuta u t-tfal tieghu meta dawn bdew jikbru. Di fatti ghall-ewwel snin taz-zwieg il-konvivenza kienet wahda normali priva minn inkwiet serju; u l-Qorti thoss li tkun qed issir ingustizzja mal-konvenuta, li l-attur jigi permess li issa iressaq b’ success il-kondizzjoni mentali taghha bhala l-bazi principali tat-talba tieghu, bir-rizultat li jigi annullat zwieg li fil-ligi ghandu jigi meqjus bhala validu.

“[4] Illi l-kawzali bazata fuq il-paragrafu [f] hija, fil-fehema tal-Qorti, non-starter, stante li l-provi juru l-kuntrarju, u cioe’ li l-konvenuta, li ghexet ma’ l-attur qabel iz-zwieg, kienet ferhana mieghu, tant li riedet tizzewwgu u tghix il-hajja konjugali mieghu; u kienet ukoll, bi skop ta’ aktar integrazzjoni, ippropronietlu li hi taddotta lil uliedu, liema proposta pero’ huwa ma laqax, stante li t-tfal kienu ta’ certu eta’.

“Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentement dak addebtitat minnu lill-konvenuta.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-umli appell u thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-dsatax (19) ta’ Ottubru, 2010 fl-ismijiet Mario Attard vs Susanne (Susan) Portanier (Rik. Gur. 1/08NC) billi tilqa’ t-talbiet attrici.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta’ annullament ta’ zwieg li sehh bejn il-partijiet fis-27 ta’ Gunju, 1992. Minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal, pero`, l-attur meta zzewweg, kien armel u kellu tfal mill-ewwel mara tieghu. Il-

konvenuta tbati minn skizofrenija, u kienet ilha taht il-kura tal-konsulent psikjatra Dr. Peter Muscat mis-sena 1986. Skont dan il-psikjatra l-kondizzjoni tal-konvenuta kienet kontrolabbli bil-medicina; kien biss meta fl-1994 waqfilha l-kura ghal tlett xhur li l-kondizzjoni taghha ddeterjorat, tant li kien iddecieda li jkompli bil-kura. Hu spjega li qabel iz-zwieg, tkellem maz-zewg partijiet, ikkonstata li l-konvenuta kienet *sanis mentis*, fis-sens li kienet qed tifhem u tapprezza l-konsegwenzi tal-pass li kienet se taghmel u lir-ragel spjegalu l-kondizzjoni kronika tal-konvenuta. Il-psikjatra spjega li, "jekk m'hemmx stresses", il-konvenuta setghet "generalment", taqdi d-doveri taghha ta' mizzewga.

L-ewwel Qorti, wara li qieset li l-inkwiet inqala' minhabba tensjoni li, maz-zmien, beda jinholoq bejn il-konvenuta u wlied l-attur, sabet li ma kienx hemm difett fil-kunsens a bazi tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u accettat it-tezi konvenuta li z-zwieg kien validu.

Kif inghad, l-attur appella mis-sentenza u insista li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, l-aktar a bazi ta' dak li jipprovdi s-sub-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-att imsemmi li jitkellem fuq difett serju ta' diskrezzjoni li jaghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniet essenzjali taz-zwieg.

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar il-materja, taqbel mal-ewwel Qorti li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens il-konvenuta kellha dik il-fakolta` kritika-volutattiva biex tifhem il-konsegwenzi tal-kunsens li kienet qed taghti, pero` ma taqbilx li hi, minhabba l-kondizzjoni taghha, setghet twettaq l-obbligazzjonijiet essenzjali kollha taz-zwieg. Huwa dmir ta' kull parti li tizzewweg li tkun fi stat li tkun kapaci tohloq ambjent ta' familja seren u responsabbl li jista' jwassal ghal permanenza tieghu. F'kull familja jinqalghu, maz-zmien, diffikultajiet u ntoppi li jistghu jwasslu ghat-tkissir taghha, u l-koppja trid tkun kapaci mentalment li tikkontrolla dawn il-problemi u tirkibhom. L-istresses huma parti mill-hajja ta' kull bniedem u fil-kuntest ta' familja, il-membri jridu jkunu kapaci sabiex flimkien

jaqdfu mill-mewg ghall-bahar kalm. F’dan il-kaz, skont ix-xhieda tal-psikjatra, sakemm iz-zwieg ikun miexi f’bahar bnazzi, ma kienx hemm problemi ghall-konvenuta li tmexxi l-familja tul il-hajja naturali taghha; biss jekk jirrizultaw problemi li jwasslu ghall-mumenti ta’ stress, il-probbabbilita` tkun li l-mara tikkrolla. Dan ifisser li l-mara ma kenitx kapaci tohloq stat ta’ hajja komuni ghal zminijiet krucjali tal-hajja mizzewwga, cioe`, meta jinqalghu problemi. Din l-attitudni kienet zgur tohloq tensjoni u konflitt fir-relazzjonijiet li kellha tibni ma’ zewgha u l-familja tieghu. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 19(1)(d) isemmi anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli li wiehed jaqdi ossija jassumi l-obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, u l-impossibbilita` tal-mara, li f’mument ta’ stress, tikkontribwixxi ghal *bonum familiaris* ghandu jwassal ghal dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-istess zwieg.

L-Att Dwar iz-Zwieg ma fih l-ebda lista jew spjegazzjonijiet ta’ dawk l-elementi tal-hajja mizzewwga li jissemmew fl-imsemmi Artikoli 19(1). Madanakollu, ta’ spiss il-Qrati taghna jadoperaw f’dan ir-rigward l-elementi essenzjali taz-zwieg li jemergu mill-kazistika pjuttost vasta tat-Tribunal Ekklezjastiku li jinterpretaw id-Dritt Kanoniku fuq is-suggett in kwistjoni, u cioe`, il-fedelta` fiz-zwieg (*bonum fidei*), l-indissubbilita` taz-zwieg, jigifieri z-zwieg huwa ghal dejjem (*bonum sacramenti*), il-prokreazzjoni kif ukoll it-trobbija tal-ulied (*bonum prolis*), kif ukoll dak li jissejjah komunita` ta’ hajja (*bonum coniugum*). Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma jirrizultax li l-konvenuta, minhabba l-kundizzjoni kronika li kellha, setghet taqdi din l-ahhar obbligazzjoni. Kif jispjega Viladrich P.J. “Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated” (Montreal, 1993) pagna 687, l-obbligazzjonijiet essenzjali huma:

“*… … … the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the communnity of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is*

*important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".*

Il-fatt li l-konvenuta, "generally", setghet tohloq "a community of life and love" ma zewgha, izda mhux meta jinqalghu diffikultajiet fil-hajja taghha, ma jaghmilhiex "kapaci" li twettaq dak l-obbligu.

F'Sentenza moghtija mis-Sagra Rota ta' Ruma fid-29 ta' Lulju, 1986, *Coram Hout*, intqal illi:
"*Se l'incompatibilita` esisite a causa di un incapacita` costituzionale a condurre una vita commune e se questa incapacita` costituzionale relativa esisite al tempo del matrimonio ed e` incurabile con una ragionevole terapia, il matrimonio e` invalidu*".

F'dan il-kuntest l-Imhallef Rotali Pinto (sentenza deciza fit-12 ta' Frar, 1982) jispjega illi tezisti possibbilita` ta' nullita` taz-zwieg f'kaz fejn hemm anomalija psikologika serja, meta tali anomalija tikkostitwixxi
"*a grave pathological disorder on one or both contractants that deprives same from determining what is essential in giving marital consent; the disorder must be grave to an extent that it renders the couple's unity for the whole life impossible as the contractant cannot assume the marital obligations; the personality disorder must arise prior to the marriage; the personality disorder must be incurable*".

Il-konvenuta tbati minn anomalija psikologika serja bir-rizultat li ma setghetx tibni l-*intima vitae et amoris coniugali* li kull zwieg jistrieh fuqha. Hu veru li l-attur gie mfisser lilu l-kundizzjoni li kienet tbati minnha l-konvenuta, pero`, ma jirrizultax car li lilu gie spjegat l-konsegwenzi kollha ta' dik il-kondizzjoni. Gie spjegat lilu li l-konvenuta kellha kondizzjoni kronika serja illi ghaliha ghandha bzonn il-kura fit-tul, izda mhux li hi ma kenitx kapaci tagixxi b'mod normali f'kaz ta' stress. L-okkazjonijiet ta' stresses fil-familja huma parti mill-hajja tal-istess familja, u l-koppja

trid tkun kapaci, kull parti individwalment, twassal li twarrab dan l-ostakolu fl-interess tal-unita` u s-serenita` tal-familja. Jekk, sa minn qabel iz-zwieg, parti ma hiex kapaci twassal ghal dan, dak iz-zwieg ma jistax jitqies validu.

Din il-Qorti ghalhekk fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li ghandha tilqa' t-talba tal-attur u thassar il-kuntratt civili li l-partijiet dahlu fih fis-27 ta' Gunju, 1992.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minlok tghaddi biex tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------